MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Numru. 272/2007

IL-PULIZIJA
(Spettur C Abdilla)
(Spettur M Sammut)
vs
Abduraouf I. R. Beleed

Illum 16 ta' April 2007

KUMPILAZZJONI NUMRU272/2007

IL-QORTI

Rat l-akkuzi kif migjuba mill-pulizija fil-konfront tal-akkuzat u dan talli f'dawn il-gzejjer nhar it-8 ta' April 2007, ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' fil-ghodu (05.45hours) gewwa triq Juno, Pembroke:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura

bin-numru tar-registrazzjoni MAR317 tal-ghamla Peugeot, liema hsara tiskorri l-hamsin liri maltin (LM50.00) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (LM500.00) ghad-dannu ta' Alfred Peregin;
2. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol 4 tal-atti) u li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex l-istess kaz jigi ttrattat b'din il-procedura (fol 8 ibid)

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li hu <u>hati</u> tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kazwa kif ukoll semghet it-trattazzjoni tal-partijiet in rigward il-piena.

<u>A bazi tal-istess ammissjoni</u>, issib lill-istess akkuzat <u>hati</u> talli f'dawn il-gzejjer nhar it-8 ta' April 2007, ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' fil-ghodu (05.45hours) gewwa triq Juno, Pembroke:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni MAR317 tal-ghamla Peugeot, liema hsara tiskorri l-hamsin liri maltin (LM50.00) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (LM500.00) ghad-dannu ta' Alfred Peregin;
2. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat l-artikoli 325(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, wara li gew kkunsiderati:
a) Il-fedina penali <u>netta u nadifa</u>, sallum, tal-akkuzat;
b) L-<u>ammissjoni</u> bikrija sottomessa mill-akkuzat fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri;

c) Li l-parti lesa sofra hsarat fil-karozza tieghu numru MAR317 tal-marka ‘Peugeot’ ammontanti ghal madwar LM300.00 waqt li semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma ghandux flus sabiex jirrisarcixxi lill-istess parti lesa, u dan wara li l-Qorti taghtu l-opportunita li jaghmel dan ir-risarciment qabel ma tinghata din is-sentenza;
L-istess Qorti tara li ma ghandhiex alternattiva, tenut kont ta’ dak li ghadu kemm inghad, fil- paragrafu ‘c’ “supra”, hlief li timponi piena skond il-ligi, effettiva mill-bidu nett.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat il-precitati artikoli, tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta’ hames (5) xhur prigunerija, mill-liema perjodu jitnaqqas dak li l-istess akkuzat diga skonta taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------